MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2012

Numru. 259/2012

Il-Pulizija
(Sp Daryl Borg u Sp Stephen Saliba)
vs
Philip Cassar, iben John, imwieled Pieta' fil-25 ta' Lulju, 1986, karta ta' l-identita numru 343586(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli fl-4 ta' Marzu, 2012 għal ħabta tal-12.15 a.m. ġewwa Ta' Qali, limiti ta' Attard:
1. bi vjolenza jew b'theddid ġiegħel uffiċjali pubbliċi li jagħmlu jew ma jagħmlux xi ħaġa li għandha x'taqsam mal-kariga tagħhom;
2. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi nġurja jew hedded jew għamel offiża fuq il-persuna ta' wieħed inkarigat skont il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li jkun għamel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li

jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz;
3. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b’ħebb, ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kkontra persuna nkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku, fil-waqt li jkun jaġixxi għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta’ ordni mogħti skont il-liġi mill-awtorita’ kompetenti;
4. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet leġittimi ta’ l-awtorita’ jew ta’ wieħed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma ħallihx jew fixklu waqt li jkun jagħmel id-dmirijiet tiegħu, jew b’xi mod ieħor, bla jedd, indaħal fi dmiru, billi ma ħallix lil ħaddieħor jaħmel dak li b’liġi jkun ordnat jew jista’ jagħmel jew billi ġab fix-xejn jew ħassar dak li ħaddieħor għamel skont il-liġi;
5. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kiser il-kwiet u il-bon ordni pubbliku b’għajjat u ġlied;
6. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi qal fil-pubbliku kliem indeċenti u oxen li jikkonsistu f’dagħa jew għamel atti jew ġesti oxxeni jew b’xi mod ieħor offenda l-morali, l-imġieba xierqa jew id-deċenza pubblika;
7. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi f’lok pubbliku jew miftuħ għall-pubbliku kien jinsab fis-sakra b’mod li ma kienx kapaċi jieħu ħsieb tiegħu nnifsu;
8. bil-ħsieb li jtellef jew inaqqas il-ġieh ta’ l-Ispettur Stephen Saliba, SM325 Patrick Bonnici, PS1243 George Polidano u PC488 Eman Cilia weġġagħhom bi kliem, ġesti, b’kitba, b’disinji jew b’xi mod ieħor.
Il-Qorti ġiet mitluba li f’każ ta’ ħtija tqis lill-imputat bħala li sar reċidiv skont l-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali wara li kien misjub ħati ta’ sentenza mogħtija lilu mill-Qorti ta’ Malta, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tas-17 ta’ Ottubru, 2012 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 49, 50, 91, 95, 96, 252(1) u 338(bb)(dd)(ee)(ff) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------